# Fuga

Jane Micallef

Jien għada nippakkja
u naħrab ’il bogħod
inkiss inkiss noħroġ
u nagħlaq bil-mod.

’L isfel mill-għatba
mogħdija għat-telgħa
lejn qċaċet maħsula
bid-dija tas-sema.

Iż-żrar taħt għarqbejja
iqarmeċ b’mixjieti
ruxxell ilma ġieri
jgħannili fi triqti.

’Il fuq dejjem iżjed
bla nehda jew negħja
tilħaqni ħajbura
tiżżeffen sa ħdejja.

Fuq friex fin u artab
bl-ilwien tal-qawsalla
induq l-ewwel balzmu
mis-saltna ta' Alla.

Minn hemm nifli taħti
dinjieti mbiegħda
l-isfera mdennsa
b'tingiż, ġlied, mibegħda.

L-aħħar tislima
minn xemx tarmi l-ħmura
u nkompli fi triqti
... biex qatt nerġa' lura.